MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 507/2001/1

**Susan Riley**

**vs**

**Dr. Vincent Galea u l-P.L. Liliana Buhagiar li gew nominati bhala Kuraturi Deputati ta' l-assenti Sandy Riley b'digriet tal-25 ta' Jannar 2001.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu bir-registru fl-10 ta' Mejju, 1990 kif jidher mic-certifikat taz-zwieg kopja hawn anness u mmarkat Dokument "A";

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null stante li hu vizzjat fil-mument taz-zwieg b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijet, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg;**

Illi dan iz-zwieg huwa null wkoll ghar-raguni illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-**Att taz-Zwieg** skond l-**artikolu 19 (1) (f) ta' l-istess Att Numru XXXVII/1975 dwar iz-Zwieg;**

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk l-istess konvenut jghid l-ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-10 ta' Mejju, 1990, huwa kien *ab initio* null u bla effett a tenur tal-**artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghar-ragunijiet l-ohra li jigu ttrattati waqt il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta' Settembru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati a fol 10 fejn gie eccepew:-

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 11 u 12 tal-process;

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr Edward Zammit Lewis; tas-17 ta' April 2002; tas-17 t'Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr Edward Zammit Lewis, inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet t'40 jum kull wiehed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2003.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-29 ta' Novembru 2002 u d-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2002 fejn it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici gie estiz b'20 jum.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2003 fejn l-kuratur deputat informa l-Qorti li nonostante t-tentattivi kollha tieghu ma irnexxilhux jikkomunika mal-konvenut assenti u dan wkoll ghaliex ma nghata l-ebda informazzjoni fejn setgha jikkomunika mal-konvenut u allura apparti li ta ruhu notifikat bl-affidavits attrici, ddikjara li ma ghandu l-ebda affidavits x'jipprezenta, b'dan ghalhekk li l-Qorti tista' taghddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Susan Riley** qalet is-segwenti:

*"Jiena zzewigt lil Sandy bir-Registru nhar l-10 ta' Mejju, 1990 u ghalhekk ili mizzewwga mieghu ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Jiena kont nghix l-Ingilterra mar-ragel li kont izzewwigt li jismhu Stephen Manche'. F'dak il-perjodu kont ghaddejja minn proceduri ghal divorzju minn mar-ragel li semmejt peress illi Stephen kien xurban u di*

*konsegwenza kien sar vjolenti hafna. Minhabba dan il-fatt iz-zwieg kien sfaxxa".*

*"Matul il-perjodu li kont ser niehu d-divorzju, kont iltqajt ma' Sandy gewwa bar l-Ingilterra. Dan kien perjodu trawmatiku hafna ghalija. Mhux hekk biss, izda kont inhossni ferm "lonely" anke ghaliex kont ninsab gewwa pajjiz barrani fejn l-unici hbieb li kont ghamilt kienu l-hbieb tar-ragel illi kelli u meta wasalna ghad-divorzju kollha tbieghdu minni".*

*"Meta ltqajt ma Sandy gewwa l-bar l-Ingilterra ma kontx hadt grazzja mieghu mal-ewwel. Izda wara xi gimghatejn jiena bdejt inhossni migbuda lejh ghaliex il-manjieri ta' Sandy kienu romantici hafna. Sahansitra kien ikantali l-kanzunetti romantici u ghalhekk ma domtx wisq biex ingbidt lejh u sirt inhobbu. Nixtieq nghid illi jiena mara li nhobb ilgabra u m'hinix persuna li thobb tohrog hafna, ghalhekk kont lesta li 'nissettilja' ma Sandy".*

*"Wara xi xahar u nofs flimkien iddecidejna li ninzlu Malta ghall-"holiday". Meta wasalna Malta Sandy iltaqa' mal-familja tieghi. Hu kien gab ruhu tajjeb hafna maghhom. Meta tlajna lura l-Ingilterra, ggilidna u dan ghaliex jien kont nahdem sieghat twal u Sandy ma kienx jiehu gost b'din is-sitwazzjoni. Nixtieq inzid ukoll illi jien kont nahdem ghalina t-tnejn ghaliex Sandy kien jiehu d-'dole'. Fil-fatt jien kont hallast ghall-'holiday'. Wara din il-glieda, kont inzilt lura Malta. Kien baghtli ittra b'hafna kliem sabih u jien dak il-hin waqajt ghalih. Ftehmna fuq it-telefon sabiex nizzewgu. Baghtlu l-flus u nizel Malta. Dan kien xi hmistax wara li konna ggilidna l-Ingilterra. Meta bdejna naghmlu l-pjanijiet ghaz-zwieg, Sandy kien jghid li kien kuntent mieghi u li kien lest u jixtieq jghix mieghi ghal dejjem. Jiena ovvjament kont inhossni l-istess mod ghaliex kif diga' spjegajt qabel, jien kont lesta nissetilja".*

*"Meta gie lura Malta ghaddew erba' xhur qabel ma zzewwigna ghalhekk konna ilna xi seba' xhur li konna nafu lil xulxin meta zzewwigna. Il-familjari tieghi kienu jarawni kuntenta u ghalhekk kienu approvaw iz-zwieg ma Sandy".*

*“Meta zzewwigna bdejna nghixu ghand ommi. Nixtieq nghid illi Sandy kien bniedem 'loner' u rizervat hafna. Kien ukoll beda jahdem bhala "labourer” it-“Tiles & Polish" gewwa Haz-Zebbug. Dak iz-zmien kien gab il-permess illi jahdem hawn Malta. Ftit wara li zzewwigna, jigifieri meta konna ghadna nghixu ghand ommi, Sandy inbidel kompletament. Ma kienx jafdani nohrog wahdi. Kien jigi ghalija x-xoghol kuljum fejn kont nahdem dak iz-zmien u cioe' gewwa "Farrugia Textiles", Kordin. Kien beda jsir pussessiv hafna mieghi. Sahansitra kien kiteb lista twila ta' regoli u affarijiet li ma kellix naghmel, bhal per ezempju, nilbes 'mini skirt' jew 'v-necks', 'make-up' u bosta regoli ohra. Sahansitra kien ikun hu li jiddeciedi meta kien ser ikollna x'naqsmu flimkien u jekk hu ma kienx ikun irid, ma kien isir xejn. Pero' l-iktar haga li kienet iddejjaqni u tweggani kienet illi hu kien beda sensiela ta' abbuz verbali fil-konfront tieghi. Kien jghidli illi jien ma kontx mara sabiha u li jekk l-irgiel kienu jiehdu interess fija kien ghaliex riedu juzawni jew biex ikollhom x'jaqsmu mieghi u ghal ebda raguni ohra. Minkejja dan kollu jien qatt ma ffrekwentajt irgiel ohra”.*

*“Wara li zzewwigna, Sandy beda jixrob hafna tant illi meta konna mmorru gewwa s-"Salvu Bar" (dan kien il-bar li konna niffrekwentaw) il-'barmaid' kienet thallilu l-kaxxa vojta fejn ipoggi l-fliexken tal-birra kollha li kien jixrob. Bhala konsegwenza tax-xorb, Sandy kien beda iktar jabbuza* <u>*minni*</u> *verbalment. Kien spiss jghidli li ma kontx mara attrajjenti u li hu ma kienux joghgbuh nisa' b'xagharhom bjond kif kont jien. Jien din il-haga kienet tweggani wisq ghaliex hu kien iltaqa' mieghi meta jien kelli xaghari bjond. Bhala konsegwenza tax-xorb, Sandy kien ukoll beda jsir vjolenti tant illi darba minnhom konna qeghdin gewwa l-kcina tal-post li konna krejna flimkien u hu waddabbli sikkina li fortunatament laqtet il-'fridge'”.*

*“Wara dawn l-episodi ta' vjolenza jiena ma flahtx iktar u wara inqas minn sentejn, xtrajtlu l-biljett ghall-Ingilterra sabiex jitlaq. Dak il-hin ma kien qalli xejn, ha l-biljett u telaq. Izda wara ftit beda jcempilli mill-Ingilterra u jitlobni sabiex nilqghu lura mieghi. Kien weghdni illi ser jinbidel u*

*ma jixrobx iktar u li kien ser jirrispettani. Jiena dak il-hin thassartu u hallejtu jirritorna lura mieghi".*

*"Meta gie lura kien gentili u 'loving' mieghi. Izda wara ftit gimghat rega' beda jixrob hafna u jsir vjolenti bil-mod kif semmejt qabel. Jien kont ghidtlu li kellu jieqaf jixrob u jittratani hazin u li kont ser inkellem avukat sabiex nitlob separazzjoni bonarja izda ghal dan il-kliem hu kien jinfex jidhak. Ma kienx johodni bis-serjeta'. Meta rajt l-indifferenza lejn ir-relazzjoni taghna u n-nuqqas ta' interess tieghu li jsalva z-zwieg, jiena pprocedejt bis-separazzjoni bonarja".*

*"Matul il-perjodu li kont ghaddejja bis-separazzjoni, Sandy kien ipprova jerga' jirriavvicinani izda jien ma kontx inhoss li kien sincier u li kien qed jaghmel hekk biss biex inwaqqaf il-proceduri. Nixtieq nghid ukoll illi dak iz-zmien jien kont qegheda inhejji ruhi ghall-operazzjoni tal-'hysterectomy' u ghalhekk ma kontx niflah ghall-aktar inkwiet. Wara li wrejtu bic-car li ma ridtx naf iktar minn ghandu, telaq lejn l-Ingilterra ghat-tieni darba. F'dan il-perjodu jigifieri meta Sandy telaq minn Malta ghat-tieni darba, is-separazzjoni bonarja kienet giet finalizzata".*

*"Sandy kien baqa' jcempilli mill-Ingilterra sabiex jipprova jikkonvincini li kien inbidel u li kien ihobbni. Fil-fatt ftit zmien wara irritorna Malta u jien accettajtu lura mieghi. Wara ftit xhur ergajt bdejt inhossni migbuda sew lejh, izda hu xorta wahda rega' beda jixrob u din id-darba iktar minn qatt qabel. Fuq dan ir-rigward nixtieq insemmi episodju li ma ninsa' qatt. Darba minnhom hrigna nixorbu, kien il-Hadd u kif morna d-dar il-burdata tieghu nbidlet fis-sens illi sar qisu mignun. Jien kont naf li kien ser jhebb ghalija u ghalhekk tlaqt ghand ommi. Meta rritornajt lura d-dar sibt stragi ta' affarijiet imkissra u sahansitra demm fil-kuritur. Jien bzajt immens tant li hrabt nigri l-ghassa ta' Rahal Gdid sabiex naghmel rapport. Kellimt pulizija, ma nafx x'kien jismu, izda hu qalli li kien ga mar Sandy sabiex jirrapporta li farrak id-dar u peress li kien ferut, baghtuh il-poliklinic. Jien kont mort lura d-dar ghax inkwetajt minkejja kollox, li Sandy seta' wegga serjament. Tlajt fuq fil-kamra*

*tas-sodda u rajtlu idejh infaxxata u bis-sikkina f'idu l-ohra. Jien twerwirt u hrabt ghand ommi".*

*"L-ghada ta' dan l-epsidoju mort lura d-dar ma' ommi sabiex naghmlu ftit ordni u meta ommi rat id-dizastru li kien hemm qaltli li kienet ser issib il-flus sabiex tibghat lil Sandy l-Ingilterra peress illi jien flus ma kellix. Fil-fatt kont spiccajt b'hafna dejn meta telaq Sandy ghaliex kien nefaq kollox fil-'Pubs'. Dak inhar stess ftehmna illi Sandy kellu jitlaq. Dan kien f'Ottubru, tal-1997 fil-fatt issa ili minn dak iz-zmien ma narah. Kien baqa' jcempilli u jweghdni li kien mibdul izda jien din id-darba ma' cedejtx. Sal-gurnata tal-lum jien ma nafx fejn jinsab Sandy".*

*"Dwar proprjeta' li kellu Sandy nista' nghid illi ma kellu xejn meta gie jghix Malta u lanqas meta kien jirrisjedi l-Ingilterra u dan peress illi kien jghix fuq id-'dole' kif spjegajt qabel. Niftakar illi meta gie Malta kien gab biss hwejjeg mieghu. Id-dar li kellna meta kien gie jghix mieghi kienet giet mikrija minn ommi u l-oggetti gewwa d-dar mikrija kont xtrajthom esklussivament bi flus li kont hadt mid-divorzju mar-ragel li kelli. Il-valur ta' dawn l-oggetti jammonta bejn wiehed u iehor ghal tlett elef lira Maltin (Lm3,000) Meta telaq minn Malta Sandy kien iddikjara li ma ried xejn minn ghandi".*

*"Ta' min jghid illi fl-opinjoni tieghi, u mill-esperjenza li ghaddejt minnha fiz-zwieg ma Sandy, nista' nghid illi r-ragel tieghi qatt ma kien lest sabiex jizzewweg. Ir-ragel tieghi kien dahal ghaz-zwieg minghajr ma kien konsapevoli tal-obligazzjonijiet u r-responsabbiltajiet tieghu u dan kif jidher car mis-suespost".*

*"Ghaldaqstant u anke in konformita' mal-premess, jiena nhoss illi l-kunsens tar-ragel tieghi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, kif ukoll fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha."*

Illi fl-affidavit taghha omm l-attrici **Maria Carmelina Grange** qalet illi**:**

*“Jiena nigi omm Susan Riley. Fuq il-mertu tal-kawza odjerna nixtieq nghid illi Susan kienet mizzewwga lil certu Stephen Manche' u kienu jghixu l-Ingilterra. Hu kien ragel vjolenti u kien jaqlibielha ma bosta nisa' ohra. Minhabba dan il-fatt, Susan dak iz-zmien hadet id-divorzju. Kien perjodu ikrah hafna ghaliha. Dan kollu nafu ghaliex kont inzomm kuntatt regolari ma binti. Meta Susan kienet hadet id-divorzju mir-ragel li kellha, kienet sabet ruhha 'lonely' b'zewg t-itfal li ma setghetx tlahhaq maghhom finanzjarjament u minhabba f’dan kienet accettat, illi r-ragel li kellha, kellu jiehu hsieb dawn it-tfal. F'dan il-perjodu Susan kienet iccempilli hafna anke ghaliex ahna konna 'close' hafna ma xulxin. Jien kont inkwetata hafna ghaliha. Fil-fatt tant kienet fi stat hazin illi sahansitra kienet ippruvat tikkommetti suwicidju. Dan nafu ghaliex kienet hi stess li kienet qaltli meta waslet lura Malta. Jiena ma niftakarx wara kemm zmien ezatt giet lura Malta mill-Ingilterra. Li naf bic-cert hu illi wara li spiccaw il-proceduri ta' divorzju l-Ingilterra giet lura minnufih. Meta waslet Malta kienet tidher vizibilment imwegga' u depressa bhala konsegwenza ta' dak li kienet ghaddiet minnu mar-ragel precedenti taghha”.*

*“Meta kienet giet Malta hi kienet gia iltaqghet ma Sandy l-Ingilterra. Susan kienet qaltli li ltaqghet ma Sandy f’bar gewwa Wales u dan ghaliex peress li t-tfal kienu qeghdin mar-ragel li kellha kienet issib ftit iktar hin sabiex tohrog u dderri ftit. Meta Susan kienet kelmitni l-ewwel darba dwar Sandy kienet dehret kuntenta mieghu. Kienet tghidli li thobbu hafna u li kien vera mill-ahjar. Nista' nghid illi Susan kienet tfahhru hafna. Kienet tghidli illi kien ihobbha wkoll u li xtaq jigi lura Malta maghha. Fil-fatt wara xi xahrejn Sandy nizel Malta. Meta gie Malta kienu bdew jghixu mieghi ghaliex Susan ma kellhiex 'job' u ghalhekk lanqas flus sabiex tikri post”.*

*“Meta bdew jghixu mieghi, jiena kont narhom jinhabbu bhal kwalunkwe koppja ohra izda li nixtieq nghid hu li Sandy kien diga' jidher li hu ragel stramb u 'bossy' hafna. Kien bniedem jghir b'mod ezagerat. Sahansitra kien jordna lil Susan sabiex ma tilbisx b'certa mod u ma tilbisx make-up. Nista' nzid ukoll illi jien kont innutajt illi Sandy*

*kien bniedem 'moody' hafna. Ma kienx bniedem li jhobb ikompli man-nies. Fil-fatt ftit li xejn kien ikompli maghna. Ma kienx jigi fil-kcina fejn konna ningabru flimkien ma Susan u lanqas biss kien ikellimna la lili u lanqas lil Susan. Dawn ghalija kienu affarijiet strambi hafna. Ma kontx tkun tista' tghid kif kien ser iqum filghodu. Kien spiss jibqa' gewwa kamartu u ma jinzilx ghal gurnata shiha. Minkejja dan, mill-bidu t-tnejn wrew li kellhom xewqa li jizzewwgu. Jiena nhoss illi l-fatt illi kienet ghaddiet minn perjodu trawmatiku minhabba d-divorzju fl-Ingilterra seta' kellu influwenza kbira fuqha sabiex tizzewweg daqshekk malajr. Psikologikament, Susan kienet ghadha dghajfa hafna".*

*"Susan u Sandy ftehmu illi jizzewwgu bir-Registru f'Mejju tal-1990. It-tnejn kienu jidhru kuntenti qabel il-gurnata tat-tieg u anke fil-gurnata stess. Ghamilna 'reception' zghir gewwa d-dar tieghi fejn stedinna ftit nies u kollox mexa sew. Nixtieq inzid illi qabel ma zzewwgu, Susan u Sandy ghamlu kuntratt ghall-kirja ta' post li sar fuq isem Sandy izda l-kirja kellha tithallas minn Susan. Id-dar li krew kienet tinsab gewwa Rahal Gdid. Kont hadt hsieb ta' kollox personalment ghaliex Susan ma kenitx tahdem u lanqas Sandy. Fil-fatt Sandy qatt ma kkontribwixxa finanzjarjament ghad-dar ghaliex kien ghazzien hafna, izda Susan kienet habrieka hafna u wara li zzewgu minnufih bdiet tahdem biex tkun tista' tmantni lilha nnifisha u ovvjament lil Sandy wkoll. Wara ftit beda jahdem Sandy wkoll izda ma niftakarx ezatt fejn".*

*"Wara x-xoghol Susan kienet kultant tigi ghandna sabiex izzur lili u lil ohtha Shirley peress illi ahna familja maghquda izda dan ma setghetx taghmlu ta' spiss ghaliex Sandy kien jiffastidja ruhu li kienet tigi tarana. Ma kienx jiehu gost li hi kienet tqatta' ftit hin mal-familja taghha. Kien fil-fatt ifittixha ghandna u jcemplilha u meta jsibha ghandi kien letteralment jordnala sabiex minnufih tirritorna d-dar hdejh. Hi kienet tibza' hafna minnu u ghalhekk kienet titlaq minn ghandi mill-ewwel. Hi stess kienet tghidli li kienet imbezza' sew minnu. Nixtieq inzid illi Sandy kellu l-vizzju ikrah tax-xorb u ghalhekk meta kien jiggieled ma Susan il-glied kien jaggrava minhabba x-xorb. Ghalhekk*

*Susan kienet tibza' hafna minn Sandy. Kienu johorgu dejjem u Sandy kien jixrob u jisker ta' spiss. Darba minnhom Sandy kien xurban bhal dejjem u Susan kienet ittardjat ftit mix-xoghol ghaliex marret tixtri xi ikel u Sandy aggrediha u sawwata tant illi cemplitli tibki izda ma riedetx li mmur inkellem li Sandy ghax kienet tghid illi l-affarijiet kienu certament jaggravaw ruhhom. Kienu jiggieldu fuq hmerijiet izda peress li Sandy kien xurban, ir-reazzjonijiet tieghu kienu jkunu dejjem ezagerati".*

*"L-episodi ta' vjolenza kienu bdew jizdiedu biz-zmien b'mod allarmanti. Darba minnhom niftakar li kellhom argument u Susan giet ghandi. Sandy kien gie jfittixha d--dar tieghi fejn aggrediha verbalment quddiemi u quddiem ohtha. Ahna konna mbezzghin hafna minnu dak inhar. Minkejja dan, Susan kienet irritornat lura mieghu ghaliex bezghet illi l-konsegwenzi setghu ikunu aghar minn hekk li kieku m'ghamlitx hekk. Jiena kont insaqsiha ghalfejn kienet tirritorna lura mieghu u hi kienet twiegeb ghax kienet tithassru. Meta kien sar aggressiv b'mod ezagerat jien kont serjament qed nibza' ghal hajjet binti. Jien kont nghidilha "Ahjar toqghod attenta ghax xi darba jsibek rieqda u joqtlok." L-iktar episodju ikrah li bqajt niftakar kien dak fejn Susan u Sandy iggieldu tant illi Sandy waddab sikkina lejn Susan li fortunatament laqtet il-'fridge'. Susan kienet giet ghandi imwerwra hafna u konvinta illi din id-darba ma setghtex tahfirlu. Jien kont gbart ftit flus sabiex inhalsulu l-biljett u hu tilaq lejn l-Ingilterra. Illum ma nafx x'sar minnu. Ilna minn dak iz-zmien ma narawh".*

*"Nista' nghid illi Susan izzewwget lil Sandy ghaliex kienet 'lonely' hafna. Ma kenitx fi stat psikologiku tajjeb biex tinduna li ma kenitx lesta ghaz-zwieg ma Sandy. Minn naha l-ohra Sandy ma kienx lest ghaz-zwieg lanqas. Kien mohhu biex jigri fil-bars u jisker. Qatt ma refa' r-responsabbiltajiet tieghu la qabel u lanqas wara z-zwieg. Certament ma kienx fehem x'inhuma l-obbligi u r-responsabbiltajiet li johorgu minn hajja mizzewwga."*

**<u>(B) LIGI U GURISPRUDENZA</u>**

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut assenti ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel**

**Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995)".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (**"*Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt*"**, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per*

*l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna,

bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000) u **"Anna Galea v. John Walsh"**, (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom

infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch**

**xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April

2000) u “**Albert Grech vs Josette Grech**” (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li da parte tal-konvenut kien hemm difett serju fil-mument taz-zwieg fil-kunsens tieghu tant li kien mankanti mid-diskrezzjoni necessarja fuq il-kuncett u r-rapport ta’ hajja mizzewga u d-dmirijiet naxxenti mill-istess u dan peress li jidher car mill-komportament tal-konvenut assenti tul iz-zwieg kollu li fl-ebda stadju tal-hajja tieghu mal-attrici ma ipprova lanqas minimament jagixxi ta’ ragel mizzewwga fil-qsim tal-obbligazzjoni ta’ familja bejnu u bejn l-attrici, tant li lanqas biss qatt ma indenja ruhu jahdem jew b’xi mod jikkontribiwixxi ghall-hajja matrimonali u kien ghal kollox dipendenti anke finanzjarjament fuq l-attrici li kienet il-*bread winner* tal-familja.

Illi dan fih innifsu jista’ ma jkunx bizzejjed sabiex tintlaqa’ t-talba attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** fuq citat, izda meta wiehed jqies dan mal-komportament tal-konvenut f’dak li huwa xorb u wkoll anke bil-mod kif kien jistma lill-attrici, u dan hlief ghall-mumenti zghar meta ried jirranga maghha sabiex jibqghu flimkien, juri li l-konvenut dahal ghal dan il-pass taz-zwieg bl-iktar mod legger u bla ebda hsieb u wisq inqas tentattiv sabiex jagixxi ta’ ragel mizzewweg veru u proprju, b’dan li n-nozzjoni ta’ familja, almenu kif tirrizulta mill-provi prodotti, kienet ghal kollox mankanti mill-konxju tieghu, bil-konsegwenza li l-azzjoni volitiva tieghu li waslitu sabiex jinghaqad fiz-zwieg mal-attrici kellu l-mankanza serja li huwa qatt ma fehem posittivament l-implikazzjoni u s-sinifikat taz-zwieg veru u rejali; l-komportament tieghu kollu jikkonferma dan u fl-istat li l-istess konvenut jidher li din kienet ‘barra mill-kapacita’ tieghu.

Illi minhabba l-istess komportament tieghu bazikament li jinnega dak li ghandu jkun ragel fiz-zwieg, u specjalment bl-*inertia* totali tieghu sabiex jistabbilixxi familja fil-veru sens tal-kelma, u kif wiehed jifhem f’dan il-pajjiz, u dan il-kuncett mhux limitatament ghat-tfal, izda wkoll f’dak li ghandu x’jaqsam ma’ relazzjoni ta’ tnejn mizzewga, jindika wkoll li l-kunsens tal-istess konvenut kien ukoll

vizzjat stante li nghata bl-esklussjoni posittiva ta' diversi elementi essenzjali ta' hajja mizzewga fosthom dik il-komunjoni ta' mhabba, rispett reciproku, w assunzjoni ta' obbligazzjonijiet, li jwasslu sabiex koppja tahseb bhala unjoni ta' persuni ghal skop uniku wiehed ta' gid reciproku, u ghalhekk jidher li anke l-elementi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** gew ukoll sodisfatti.

Illi min-naha tal-attrici jidher li din fil-mument li iltaqghet mal-konvenut assenti kienet ghaddejja mill-problemi taghha sforz il-falliment tal-ewwel zwieg taghha, u minhabba l-istat anke psikologiku u psikiku li hija kienet tinsab fih, ma setghetx tiddentifika sew il-kuncett taz-zwieg relattivament anke mill-komporatment tal-konvenut, b'dan li l-kunsens taghha ma jistax jinghad li nghata liberalment minnha, anzi kien vizzjat stante li ma setghatx tifhem il-konsegwenzi li tghix hajja mizzewga ma ragel li wera ruhu mill-ewwel li ma kienx kapaci u lest li jaddatta ruhu ghall-hajja mizzewga; cjoe' nonostante li hija dahlet litteralment ghal rasha f'din ir-rabta u dan ghaliex kienet nieqsa mill-grad ta' diskrezzjoni necessarja sabiex tifhem is-sinifikat ta' hajja mizzewga bl-oneri kollha mposta fuqha sabiex din verament isehh.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jidher li hawn tapplika dak li nghad fis-sentenza tat-Tribunal Regjonali ta' Halifax, fil-Kanada ***coram Morissey*** tat-23 ta' Gunju 1977 (**"Documentation II on Marriage Nullity Cases" – Hudson J.E.** pg.188), kkwotata fis-sentenza **"Trudel Camilleri Balzan vs Wayne Cammileri"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002) fejn inghad illi:-

*"When judging the validity or invalidity of a marriage, it is necessary to see whether, at the time of marriage, the parties were able to elicit a valid critical judgement of the rights and duties to be given and received".*

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif inghad abbazi tal-artikoli fuq citati.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma inkompatibbli mat-talba attrici, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-10 ta' Mejju, 1990, huwa kien *ab initio* null u bla effett a tenur tal-**artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, kif fuq spjegat u deciz.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**